**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 435/09VG**

**Heathcliff Cilia**

**Vs**

**Martin Farrugia**

**Illum 20 ta' Marzu 2018**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Heathcliff Cilia fid-9 ta' Novembru 2009 permezz ta' liema jitlob li l-Qorti tikkundanna lil Martin Farrugia ihallsu s-somma ta' sitt elef mitejn disgha u tmenin Euro (€6,289.00) rapprezentanti bilanc ta' debitu minnu lilu dovut bhala hlas ta' diversi konsenji u garr ta' gebel minnu rikjesti u li saru mill-barriera li tinsab f'Valletta Road, Imqabba, lejn diversi lokalitajiet f'Malta, liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas kemm bil-fomm kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali bin-Numru 2994/09 datata 28 ta' Mejju 2009 u ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 4425/09 datata 26 ta' Awwissu 2009, bil-imghax legali dekoribbli mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-ittri ufficjali bin-Numri 2994/09 u 4425/09 u ghall-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 3456/09, kontra Martin Farrugia;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 2 sa' 4 tal-process;

Rat li fis-27 ta' Novembru 2009[1] l-attur ipprezenta Kapitolu fil-konfront tal-konvenut, liema Kapitolu però gie kkontestat mill-konvenut permezz ta' Rikors ipprezentat fit-30 ta' Novembru 2009[2], fejn talab li jigi awtorizzat jipprezenta Risposta ghat-talba attrici;
Ghall-finijiet li jigi determinat ir-Rikors ipprezentat mill-konvenut fit-30 ta' Novembru 2009, semghet ix-xhieda ta' Anna Ciantar[3], Charlotte Ciantar[4] u tal-

---

[1] Fol. 12 tal-process.

[2] Fol. 13 tal-process.

[3] Fol. 23 sa' 25 tal-process.

konvenut[5] moghtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2010 u semghet ix-xhieda ta' Henriette Delia[6] u ta' l-attur[7] moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ottubru 2010;

Rat li b'Digriet datat 31 ta' Jannar 2011[8], il-konvenut gie awtorizzat iressaq ir-Risposta ghat-talba attrici;

Rat ir-Risposta ta' Martin Farrugia permezz ta' liema jopponi ghat-talba attrici u jitlob li tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li: (i) l-ammont reklamat mill-attur hu preskritt ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) u/jew 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur;

Ghall-finijiet ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rat l-affidavit tal-konvenut esebit permezz ta' Nota pprezentata fl-24 ta' Mejju 2011 a fol. 55 sa' 57 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2012[9] u rat id-dokumenti markati Dok. "MF1" u Dok. "MF2" a fol. 68 u 69 tal-process;

Rat li b'sentenza moghtija fit-18 ta' Frar 2018[10], l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut giet michuda;

Dwar il-mertu rat l-affidavit ta' Brian Cilia esebit mill-attur permezz ta' Nota ipprezentata fid-9 ta' April 2013 a fol. 97 sa' 100 tal-process u rat l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti annessi mieghu esebiti permezz ta' Nota pprezentata fis-17 ta' Gunju 2013 a fol. 101 sa' 117 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2013[11] u rat id-dokument markat Dok. "GV1" a fol. 120 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Charlotte Ciantar moghtija waqt is-seduta tat-22 ta' Lulju 2014[12], ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2014[13], ix-xhieda tan-Nutar Mario Bugeja moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Jannar 2015[14] u x-xhieda ta' Brian Cilia moghtija waqt is-seduta tat-23 ta' Frar 2015[15];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur dwar il-mertu a fol. 164 sa' 173 tal-process u rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut dwar il-mertu a fol. 174 sa' 182 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

---

[4] Fol. 26 sa' 29 tal-process.

[5] Fol. 30 u 31 tal-process.

[6] Fol. 34u 35 tal-process.

[7] Fol. 36 u 37 tal-process.

[8] Fol. 45 sa' 50 tal-process.

[9] Fol. 67A u 67B tal-process.

[10] Fol. 88 sa' 95 tal-process.

[11] Fol. 121 sa' 125 tal-process.

[12] Fol. 132 sa' 148 tal-process.

[13] Fol. 153 sa' 156 tal-process.

[14] Fol. 159 u 160 tal-process.

[15] Fol. 162 u 163 tal-process.

Bil-proceduri odjerni l-attur jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €6,289.00 rapprezentanti bilanc ta' debitu minnu lilu dovut bhala hlas ta' diversi konsenji u garr ta' gebel minnu rikjesti u li saru mill-barriera li tinsab f'Valletta Road, Imqabba, lejn diversi lokalitajiet f'Malta, liema ammont baqa' ma thallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas kemm bil-fomm kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali bin-Numru 2994/09 datata 28 ta' Mejju 2009 u ittra ufficjali a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-Numru 4425/09 datata 26 ta' Awwissu 2009. Il-konvenut jilqa' ghat-talba bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(a) u/jew l-Artikolu 2149(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u (ii) huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur.

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut giet michuda b'decizjoni preliminari moghtija fit-18 ta' Frar 2013. Fid-dawl ta' tali decizjoni fadal ghalhekk li tigi trattata l-azzjoni attrici fil-mertu.

Fil-kuntest ta' dawn il-proceduri, li bla dubju ta' xejn huma proceduri ghall-hlas ta' kreditu pretiz mill-attur minghand il-konvenut, l-ewwel u qabel kollox huwa l-attur li ghandu jipprova b'mod sodisfacenti li huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont minnu pretiz. Din l-osservazzjoni ssib konferma fis-sentenza **Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja, Appell Civili Nru. 554/00** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003, fejn il-Qorti ta' l-Appell appuntu osservat illi: *skond l-ordni logiku tar-regoli probatorji jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok illi jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu illi l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jaghmlux il-konvenut jibqa' assisstit mill-principju illi l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu imqar 'prima facie' jistabilixxi t-tezi tieghu illi imbaghad il-piz tal-prova jisposta ruhu ghal fuq il-konvenut. … ir-regola 'Ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio' is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case.*

In sostenn tal-pretensjonijiet tieghu fil-konfront tal-konvenut l-attur, oltre li xehed hu stess u esebixxa serie ta' ricevuti relattivi ghall-provvista u garr ta' diversi konsenji ta' gebel, ressaq ukoll bhala xhud lil huh Brian Cilia li essenzjalment stqarr illi kien gie diversi drabi inkarigat milll-attur biex jikkonsenja vjeggi ta' gebel lill-konvenut jew ta' l-inqas fuq lantijiet tax-xoghol fejn kien qed jaghmel xoghol ta' kostruzzjoni l-konvenut. Stqarr ukoll illi *wara li kont inhott, jiena kont immur lura l-barriera peress illi kien hija li jirranga fuq kif kien ser isir il-hlas. Jiena qatt ma rcevejt flus fuq il-post tax-xoghol fejn jiena kont ikkonsenjajt il-gebel lil Martin Farrugia peress li jiena dejjem kont taht l-impressjoni li kien qed jigbor flusu hija. Fil-fatt fuq il-post jien kont niltaqa' spiss ma' certu Pawlu Farrugia. Dan Pawlu Farrugia huwa hu Martin Farrugia. Pawlu Farrugia fil-fatt kien impjegat ma' Martin Farrugia*[16].

Da parte tieghu l-attur iddikjara li *jiena illum il-gurnata rrid nigbor sitt elef mitejn disgha u tmein Ewro (€6,289) minghand certu Martin Farrugia. Din is-somma tirrapprezenta konsenji ta' gebel li jiena kont tajt lil dan Martin Farrugia u li sal-gurnata ta' llum jiena ghadni ma gbartx il-flus taghhom. Dawn il-konsenji ta' gebel*

[16] Affidavit ta' Brian Farrugia a fol. 98 u 99 tal-process.

*imorru lura ghas-snin 2002 sas-sena 2005. Kont naghmel dawn il-konsenji kemm jien personalment, u xi drabi qabbadt persuni sabiex jaghmlu dawn il-konsenji tal-gebel lil Martin Farrugia fosthom, lil hija Brian Cilia, lil Martin Seguna imlaqqam in-Nekus u certu Silvio Camilleri imlaqqam il-Bettiehu. Il-gebel kien jinhatt f'postijiet f'Bugibba, fl-Imsida, il-Qawra, Wied il-Ghajn u Ta' Giorni. Kien hemm ukoll postijiet ohra. Meta jiena kont nibghat il-gebel jien kont inlesti karta sabiex dina l-karta kienet tigi ffirmata minn Martin Farrugia gew il-haddiema tieghu. Niftakar li kellu diversi haddiema u bennejja jahdmu mieghu u li kienu jkunu fuq il-lant tax-xoghol bhal huh Pawlu, u lil dawn kont nitlobhom biex jiffirmawli l-karti. Meta kont nibghat lin-nies jiena kont inlesti l-karti u dawna kont nohodhom mieghi meta jiena kont immur personalment bil-konsenji tal-gebel sabiex jigu ffirmati. Gieli kont niehu ammont ta' karti f'daqqa u dawn Martin Farrugia kien jiffirmahomli kollha f'daqqa. Però huwa kien ikun jaf li jien kont hadtlu l-gebel ghax huwa stess kien icempilli u kien huwa stess li kien iqabbadni sabiex nohodlu l-gebel*[17].

In sostenn ta' dak minnu affermat fl-affidavit tieghu l-attur esebixxa serie ta' ricevuti, ossia ben sebgha u erbghin ricevuta[18], relattivi ghall-vjeggi ta' gebel konsenjati lill-konvenut. Minn ezami ta' dawn ir-ricevuti però jirrizulta fatt u element li serjament jimpingi fuq is-success ta' l-azzjoni istitwita mill-attur fil-konfront tal-konvenut. Ghalkemm ir-ricevuti a fol. 104 tal-process relattivi ghal total komplessiv ta' 71 vjegg gebel ghall-valur komplessiv ta' Lm339.50, illum ekwivalenti ghal €790.82, huma mahruga minn Heathcliff u John Cilia, ir-ricevuti l-ohra kollha ghal total komplessiv ta' 711 vjegg gebel ghall-valur komplessiv ta' Lm3,383.50, illum ekwivalenti ghal €7,881.43, huma mahruga minn J.D.C. Company Ltd. Minn dawn ir-ricevuti ghalhekk jirrizulta car li **l-attur, f'ismu personali**, u cioè fil-kwalità u kapacità li huwa istitwixxa l-proceduri odjerni fil-konfront tal-konvenut, jista' se mai ikun kreditur tal-konvenut biss fl-ammont komplessiv ta' **€790.82**.

Ghalkemm fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu l-konvenut jikkontendi li l-attur ma rnexxilux jipprova li ghandu kreditu fil-konfront tieghu ghaliex skontu il-firem fuq ir-ricevuti esebiti mill-attur ma humiex tieghu u hemm dubju dwar il-genwinità ta' tali ricevuti, meta xehed waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2012[19] u b'mod partikolari meta gie muri r-ricevuti a fol. 69 tal-process, li huma l-istess ricevuti li gew esebiti mill-attur ma' l-affidavit tieghu a fol. 104 tal-process, huwa stqarr: *qed nigi muri fotokopji ta' ricevuti ghall-garr ta' gebel li qed jigu immarkati Dok. LC1 u nghid li fuqhom m'hemmx il-firma tieghi u jista' jkun li hija l-firma tal-lavrant. B'referenza partikolari ghall-ircevuti b'numru 39 u 40 nghid li l-firma fuqhom mhijiex il-firma tieghi.* ***Jiena naqbel fuq il-konsenji tal-gebel izda ma naqbilx li ghandi nhallas ghalihom jiena***[20]. Jirrizulta ghalhekk li l-konvenut, ghad illi l-firem fuq ir-ricevuti in kwistjoni jista' ma humiex tieghu, jaqbel li dawk il-konsenji ta' gebel partikolari – ossia dawk li dwarhom jirreferu l-ircevuti esebiti a fol. 69 tal-process u mill-gdid a fol. 104 tal-process – gew effettivament konsenjati fuq siti fejn kien qed

---

[17] Affidavit ta' l-attur a fol. 102 u 103 tal-process.

[18] Fol. 104 sa' 117 tal-process.

[19] Fol. 67A u 67B tal-process.

[20] Enfasi tal-Qorti.

isir xoghol ta' kostruzzjoni da parte tieghu, izda jishaqq li huwa ma huwiex responsabbli ghall-hlas ta' l-istess.

Il-konvenut jikkontendi li huwa ma ghandux ihallas lill-attur ghall-vjeggi ta' gebel konsenjati lilu, inkluz ghalhekk dawk li ghalihom jirreferu r-ricevuti hawn appena imsemmija, ghaliex skontu in forza ta' ftehim milhuq ma' certu Frans Spiteri, debitur tal-konvenut, bil-vjeggi ta' gebel provduti mill-attur, li a sua volta kien debitur ta' Spiteri, il-konvenut kellu jithallas tal-kreditu tieghu versu Frans Spiteri, liema kreditu skontu kien jammonta ghal Lm16,000 li huwa ammont in eccess tal-valur ta' gebel li huwa lahaq ha minghand l-attur sakemm inqalghet il-kwistjoni odjerna bejniethom. Ghalkemm din hija l-kontestazzjoni principali tal-konvenut, mix-xhieda moghtija mill-konvenut stess u minn Charlotte Ciantar tul is-smigh ta' dawn il-proceduri jidher li hemm kontestazzjoni sekondarja fuq liema huwa donnu qed jikkampa l-eccezzjoni li hu personalment ma huwiex responsabbli ghall-hlas pretiz mill-attur; u cioè l-pretensjoni li dan il-gebel gie ordnat ghal u utilizzat f'lantijiet tax-xoghol taht ir-responsabilità ta' Charlotte Ciantar u/jew il-kumpanija taghha.

Fix-xhieda li ta waqt is-seduta ta' l-24 ta' Mejju 2012[21], il-konvenut iddikjara ***meta jiena semmejt lill-lavrant ma kontx qed nirreferi ghal xi lavranti tas-Sur Cilia imma lavranti ta' Charlotte Ciantar li hija l-persuna ma' min kont nahdem***[22]. Charlotte Ciantar, meta xehdet waqt is-seduta tat-22 ta' Lulju 2014[23], in risposta ghall-mistoqsija *inti fuq l-arrangament illi effettivament kien sar bejn Farrugia u s-Sur Frans Spiteri, taf xi haga inti personalment? Jekk taf xi haga kif taf u x'taf ezattament…?* wiegbet *mela kif naf,* ***dan Frans Spiteri kien qalilna biex nibnulu u qalilna ma nistax naghtikom kollox flus u ghalhekk naghmlu bartering****. …. Nibnulu l-Imsida. Dak iz-zmien fuq l-Imsida tkellimna, imbaghad kien hemm xi xoghol iehor imma fuq l-Imsida tkellimna.* ***Konna ghamilna bartering u kien seventy/thirty dak iz-zmien, thirty flus u seventy tpartit u mit-tpartit li kien tana kien hemm credit note ta' Heathcliff Cilia li kienet sittax-il elf, dak iz-zmien liri Maltin****. …* ***ahna ma' Frans zgur ghamilna l-ftehim fis-sena 2002 imma bqajna niehdu l-gebel ma kellniex problemi minghandu jigifieri dejjem minghand Heathcliff, ghax hu kien ghaddiena mieghu qallu imbasta ma jaqbizx l-ammont ta' sittax-il elf***[24]*. Konna waqqafna x-xoghol ghax imbaghad il-Perit qalbilna x-xoghol minflok gebel ghax qisna pedamenti biss ghamilna gebel imbaghad qlibna fi bricks u ma kellniex bzonn niehdu iktar gebel minghandu.* ***X'hin wara sena ergajna cempilnielu qalilna qbiztu l-ammont u ghidnielu ahna ghandna niehdu, l-istatement qatt ma gabu, cempilna lil Frans Spiteri konna li ahna ghandna niehdu tlett elef Maltin ghax mir-records tieghi li nigbor ta' kuljum kelli li ahna hadna tlettax-il elf gebel u mhux sittax-il elf, Fran ma tax kaz, ghaddew xi sitt snin***[25]*.*

---

[21] Fol. 67A u 67B tal-process.

[22] Enfasi tal-Qorti.

[23] Fol. 132 sa' 148 tal-process.

[24] Enfasi tal-Qorti.

[25] Enfasi tal-Qorti.

Nonostante tali xhieda tal-konvenut u ta' Charlotte Ciantar il-Qorti hija konvinta li r-relazzjoni guridika pertinenti ghal dawn il-proceduri kienet u hija unikament bejn l-attur u l-konvenut u hadd izjed.

Fl-ewwel lok, ghalkemm fix-xhieda li tat waqt is-seduta 24 ta' Mejju 2012 Charlotte Ciantar iddikjarat li hi wkoll jew ta' l-inqas il-kumpanija taghha kienet involuta f'din il-kwistjoni bejn Frans Spiteri u l-konvenut u l-attur, f'xhieda li kienet tat f'seduta precedenti, ossia waqt is-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2010[26], l-istess Charlotte Ciantar kienet qalet *il-kumpanija tieghi MCCF Projects Limited hija kumpanija involuta fil-kostruzzjoni u Martin Farrugia huwa site foreman ma' din l-istess socjetà. Fil-fatt ix-xoghol tieghu ma tantx huwa office based izda jiena nghidlu x'ikun hemm bzonn fuq il-lantijiet tax-xoghol u jmur jordna il-materjal u anke jara li dana jasal fuq il-postijiet fejn irid isir ix-xoghol.* ***Jiena irrid nghid li Martin Farrugia ilu impjegat mieghi ghal dawn l-ahhar tlett jew erba' snin***[27] **(jigifieri bejn wiehed u iehor mill-2006 jew 2007 u b'hekk ferm wara is-sena 2002 li ssemmiet minn Ciantar waqt ix-xhieda ta' l-24 ta' Mejju 2012)**. *Is-socjetà ta' Martin Farrugia naf li kien jisimha MAM però m'inhix ezattament certa jekk din kienx jisimha fil-komplet MAM Construction Limited. …* ***jiena rrid nghid illi fir-rigward tal-mertu tal-proceduri, jigifieri l-ammont li Heathcliff Cilia qed jippretendi minghand Martin Farrugia, lili Martin Farrugia qalli li dan l-ammont ma hux dovut lil Cilia minnu u izda li dan l-ammont huwa dovut minn certa Francis Spiteri maghrufa bhala Frans it-Tawru***[28]. F'din ix-xhieda Ciantar imkien ma ssemmi li Frans Spiteri kellu xi konnessjoni lavorattiva jew quant' altro maghha jew mal-kumpanija taghha, anzi minn din l-istess xhieda jirrizulta car li ghaliha l-kwistjoni li kien hemm bejn l-attur u l-konvenut kienet tinvolvi lilhom it-tnejn u l-iktar l-iktar li dan Frans Spiteri.

Il-konvenut ukoll fix-xhieda li ta permezz ta' affidavit ipprezentat fl-24 ta' Mejju 2011[29], kien iddikjara li l-kwistjoni bejnu u Frans Spiteri u konsegwent l-attur kienet u hija appuntu bejnu personlament, Frans Spiteri u l-attur u bl-ebda mod ma jindika li setghet kienet involuta Charlotte Ciantar u/jew il-kumpanija taghha. Fir-rigward kien iddikjara: *nibda billi nghid illi jien ili nahdem fil-kostruzzjoni sa' minn meta kelli madwar sittax-il sena.* ***Niftakar illi madwar is-sena 2002 kien avvicinani certu Frans Spiteri u qalli li hu kien proprjetarju ta' bicca art fl-Imsida. Huwa xtaq iwaqqa' l-binja ta' fuq din l-art sabiex b'hekk tkun tista' terga' tinbena mill-gdid. Kien inkarigani biex niehu hsieb il-binja l-gdida, u cioè nibni xi garages u appartamenti***[30]. *Kif generalment isir fuq dan it-tip ta' xoghol, jien u Frans Spiteri konna ghamilna negozju li kien jinvolvi tpartit ta' proprjetà immobbli ma' xoghol li jien kellu nesegwixxi fuq din l-art. Finalment, meta hdimna l-bilanc dwar dan in-negozju, u dan qabel ma jien bdejt ix-xoghol, kelli kreditu ta' madwar Lm16,000, jigifieri* ***kelli niehu Lm16,000 minghand Frans Spiteri****.* ***Niftakar li Frans Spiteri ried illi flok huwa jaghtini dan l-ammont fi flus kontanti, jien niehu l-ekwivalenti***

[26] Fol. 26 sa' 29 tal-process.

[27] Enfasi tal-Qorti.

[28] Enfasi tal-Qorti.

[29] Fol. 56 u 57 tal-process.

[30] Enfasi tal-Qorti.

***tieghu fi provvista ta' gebel minghand certu Heathcliff Cilia, l-attur f'din il-kawza, peress li Frans Spiteri kellu jiehu l-flus minghand Cilia. Jien qatt ma dhalt fil-kwistjoni dwar x'ammont kellu jaghti l-attur lil Frans Spiteri, però Spiteri kien qalli li l-ammont li kellu jaghtih l-attur kien izjed minn Lm16,000. Heathcliff Cilia jissupplixxi l-gebel. Niftkar illi Frans Spiteri kien qabbadni mieghu u kien infurmah bil-ftehim ta' bejni u Spiteri***[31]*. Nghid illi l-attur ma sab l-ebda oggezzjoni ghal dan il-ftehim, jigifieri li d-debitu li hu kellu jhallas lil Spiteri jigi saldat b'gebel li hu kellu jissupplixxi lili (u ghalhekk jigi saldat il-bilanc li Spiteri kellu jaghti lili), u sussegwentement minn dakinhar jien bdejt niehu l-gebel minghandu, ovvjament minghajr ma nhallas stante l-ftehim milhuq. L-attur kien izomm notament tal-gebel li kont niehu minghandu.*

Fid-dawl ta' dan osservat ghalhekk il-Qorti ttenni li r-relazzjoni guridika ta' l-attur kienet mal-konvenut f'ismu personali, u jekk din setghet irrizultat konsegwenti ghad-delega da parte ta' Frans Spiteri, u mhux ma' Charlotte Ciantar u/jew il-kumpanija taghha.

Trattata din il-kwistjoni ser tigi issa trattata l-kontestazzjoni centrali tal-konvenut u cioè li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur peress illi d-delega moghtija lilu, ossia lill-attur, minn Frans Spiteri tkopri l-valur kollu tal-vjeggi ta' gebel li l-konvenut lahaq ha minghand l-attur sakemm inqalghet il-vertenza odjerna. L-attur ma jichadx li kien hemm din id-delega da parte ta' Frans Spiteri izda jikkontendi li huwa kien obbligat biss sal-valur ta' madwar Lm11,000, li skontu kien l-ammont li huwa kellu jaghti lil Frans Spiteri. Il-konvenut però jikkontendi li d-delega kienet fis-sens li d-dejn kollu li Frans Spiteri kellu fil-konfront tieghu, ossia s-somma ta' Lm16,000, tithallas kollha kemm hi permezz ta' gebel provdut u fornit mill-attur.

Fil-fehma tal-Qorti f'dan l-istadju l-oneru tal-prova jinkombi primarjament jekk mhux ukoll unikament fuq il-konvenut li appuntu ghandu jipprova b'mod sodisfacenti li l-ammont li kien jifforma l-qofol tad-delega moghtija minn Frans Spiteri lill-attur kien ta' Lm16,000 u mhux inqas, prova din li però ma saritx.

Jibda biex jigi osservat li l-konvenut dejjem kien vag hafna dwar l-ammont tad-debitu li l-attur kellu ma' Frans Spiteri, debitu u *quantum* dawn ferm importanti fil-kuntest tad-delega in kwistjoni. Fl-affidavit tieghu[32] in effetti l-konvenut kien xehed illi *jien qatt ma dhalt fil-kwistjoni dwar x'ammont kellu jaghti l-attur lil Frans Spiteri, però Spiteri kien qalli li l-ammont li kellu jaghtih l-attur kien izjed minn Lm16,000*. Fis-seduta mizmuma fid-9 ta' Dicembru 2013, il-konvenut xehed *konna ltqajna jiena, Frans Spiteri u Heathcliff u lil Heathcliff qallu "hudlu l-gebel go tieghi u jekk ikun irid xi vjegg lil hemm u lil hawn hudulu xorta u waddab il-kont fuqi ghaliex ser inhallsu jiena milli ghandek taghtini". Issa x'kien hemm ma' Frans Spiteri bhala ammont ma nafx x'kien hemm ghax dan seta' jaghtih aktar u seta' jaghtih anqas, imma jiena naf li kull meta cempiltlu dejjem baghtli l-gebel.*

[31] Enfasi tal-Qorti.

[32] Fol. 56 u 57 tal-process.

Fir-rigward tal-ftehim li kellu ma' Frans Spiteri l-konvenut iddikjara: *jiena dejjem lil Frans Spiteri kont naf. Jiena u Frans Spiteri konna ghamilna karta ghand in-Nutar Mario Bugeja u kull ftehim li kien ikolli bhala tpartit ma' Frans Spiteri dejjem ghamilna karta.* Dejjem fir-rigward tal-ftehim bejn il-konvenut u Frans Spiteri, Charlotte Ciantar ukoll xehedet illi l-bazi tal-ftehim ma' Frans Spiteri kienet *credit note* mahruga mill-attur u li l-ftehim kien gie redatt bil-miktub ghand in-Nutar Mario Bugeja. Waqt is-seduta tat-22 ta' Lulju 2014 hija appuntu xehdet illi: *mela ma' Frans Spiteri d-diskors li sar mhux bil-kliem imma miktub ghand in-Nutar, ghand Mario Bugeja jigifieri l-ftehim li ghamilna l-credit notes ghax mhux tieghu biss, kien hemm hafna kredituri ohra ghax ammonti kbar imma Heathcliff kien involut fi creditnote minnhom ha nghid hekk.*

Mix-xhieda tal-konvenut u ta' Charlotte Ciantar ghalhekk johrog car li centrali ghar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna huma: Frans Spiteri, il-*credit note* mahruga mill-attur li a bazi taghha Frans Spiteri ftiehem mal-konvenut u l-iskrittura quddiem in-Nutar Mario Bugeja, provi dawn li ghal ragunijiet li jaf il-konvenut biss baqghu ma tressqux.

Ghalkemm Frans Spiteri ghandu rwol centrali f'din il-kwistjoni kollha ghal xi raguni li jaf il-konvenut biss, l-istess konvenut ghazal li ma jharrkux bhala xhud. Il-*credit note* wkoll ma gietx prodotta bhala prova f'dawn il-proceduri u lanqas giet prodotta l-iskrittura privata allegatament redatta u ffirmata quddiem in-Nutar Mario Bugeja. Meta n-Nutar Mario Bugeja xehed quddiem il-Qorti fis-26 ta' Jannar 2015[33], ghall-mistoqsija *Nutar li tlabtek jiena u li ha nitolbok huwa informazzjoni fuq xi ftehim li kien sar ghall-habta tas-sena 2002 fuq arrangament bejn Martin Farrugia u Frans Spiteri fuq ammont illi kellu jaghti s-Sur Spiteri lil Martin u kif kienu qablu dwar kif ghandu jigi mhallas dan id-debitu*? wiegeb *nahseb li qed tistaqsini l-impossibbli u ha nghidlek ghalfejn. Martin Farrugia u s-Sur Spiteri nahseb kienu jiltaqghu ghandi sikwit ghaliex kien ikollhom naqra problemi u dejjem nipprova nirrangahom lanqas niftakar ghaliex tant kellhom arrangamenti li impossibbli li niftakar. Ahjar tistaqsi lis-Sur Spiteri jew lis-Sur Farrugia stess. ... Dawn bil-Malti jiltaqghu illum, wara gimgha jcempilli s-Sur Spiteri hafna drabi jgergirli fuq Martin, imbaghad jerga' jcempilli Martin igergirli fuq is-Sur Spiteri u jaghmlu hmistax icemplu jghiduli hekk, imbaghad inlaqqaghhom biex nirrangahom imma imbaghad jirrangaw ta' ghax jibqghu hbieb normali imma jiena biex nghidelk x'ghamlu. Dik li niftakar biss.* In risposta ghall-mistoqsija *forsi tista' tispjegali, agreements fuq per ezempju jithallas bi provista ta' gebel*? u in risposta ghall-mistoqsija ulterjuri *jigifieri jekk nitolbok forsi taghmel ir-ricerka biex tara jekk issibx xi kopja ta' forsi xi ftehim?* in-Nutar wiegeb *jista' jkun ghax anke bil-proprjetà nahseb imma ma niftakarx allura inutli nghidlek ... li qed jistaqsini l-impossibbli ta, huwa daqsxejn impossibli dak li qed titlobni.*

Il-konvenut ghalhekk baqa' qatt ma ressaq, kif kellu l-obbligu u l-oneru li jaghmel, provi sodisfacenti li jissosstanzjaw u jikkoroboraw dak minnu affermat u cioè li d-delega minn Frans Spiteri lill-attur versu l-konvenut kienet ta' Lm16,000 u mhux inqas. Fin-nuqqas ta' tali prova ghalhekk il-konvenut ma jistax jargumenta b'success li huwa ma ghandu jaghti xejn lill-attur u jsegwi ghalhekk li huwa ghandu jhallsu s-somma ta' Lm339.50, illum ekwivalenti ghal €790.82, li kif iktar 'l fuq osservat u

---

33 Fol. 159 sa' 160 tal-process.

determinat huwa l-uniku ammont li dwaru ressaq prova sodisfacenti l-attur bhala li huwa debitu tal-konvenut fil-konfront tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenut izda tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' €790.82 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €790.82, bl-imghax legali dekoribbli mill-10 ta' Gunju 2005, id-data ta' l-ahhar konsenja skond ir-ricevuti a fol. 69 u mill-gdid a fol. 104 tal-process, sad-data ta' l-effettiv pagament.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**